# MIN MA JĦARES GĦALI U BGĦID, JAQA' FIL-QRIB

Wieħed bidwi kien sejjer l-imdina b'ġemel u ħmar. Il-ġemel kien imgħobbi bil-ħjar għas-suq, u l-ħmar kien riekeb fuqu l-bidwi. Huma u jaqsmu l-wied, il-ħmar rifes ħaġra u riġlu daret bih, għotor, u waqa' għall-ġenbu. Billi il-bidwi ma kienx ħafif għal kollox—raġel ta' ma' dwar is-sittin—ma laħaqx qabeż minn fuq il-ħmar; għalhekk waqa'

hu wkoll u waġġa' irkibtu. Il-bidwi, kif qam, qabad il-ħatar, u beda jwaħħal fuq il-ħmar bla ħniena. Wara li nfexx fih, rikbu u ġibdu l-quddiem.

Għall-ħabta ta' nofs-inhar waslu qrib miġra żgħira, li ma' ġenbha kien jikber qatigħ ħaxix. Il-bidwi niżel u qagħad taħt siġra taż-żebbuġ jistrieħ u jiekol xi ħaġa, waqt li telaq il-ġemel u l-ħmar jirgħu ħdejn xulxin. Wara li kienu rgħaw xi nofs siegħa, il-ħmar dar lejn il-ġemel u wara li ħares ftit lejh kollu ħosbien, qal: "Sieħ! nixtieq insaqsik ħaġa!" "Waħda biss!"—wieġeb il-ġemel,—"saqsini għaxra, jekk trid!" "Kemm ilna li għaddejna l-wied s'issa kont qiegħed naħseb fuq ħaġa u għadni ma fhimthiex b'għerfi kollu! ma nafx il-għala; naraha ħaġa bil-maqlub tal-ħolqien. Irrid insemmi il-waqa' li wqajt..hinnek, f'nofs il-wied, (li mħabba fiha dahri għadu mġelġel bid-daqqiet ta' ħatar ta' sidi.) Il-misqla hi din: it-tul dari jaqa' iżjed malajr mill-qosor. Issa kif inhi din, li int b'dawk saqajk twal qasbtejn, ma tiġġarraf qatt; u jien b'dawn saqajja ta' nofs xiber, m'inhix għajr nitkabras? X'jidhirlek? M'hix ħaġa taddinja l-oħra?"

Il-ġemel tawwal għonqu u berraq għajnejh fuq il-ħmar! imbagħad wieġeb kiebi. "Naf li qabilek qabil il-għerf u l-għelm, u għalhekk qatt ma tarraftlek kelma fuq dan sallum, għad li ħsibtha kemm-il-darba. Għax tgħid, kont nemmen li l-uqigħ tiegħek kont tagħmlu għal bil-għani! La darba m'hux hekk, isma' x'jidhirli fuq li saqsejtni: aħna u mexjin, bħal ma taf, int dejjem tħares lejn l-art, ħsiebek f'ħaġ'oħra, għalhekk ma tista' tara dak li jkun ġej u tit-ħejja għalih minn qabel. Hekk ġralek l-ewwel f'nofs il-wied: il-ħaġra kienet quddiemek, imma int ma rajthiex qabel ma tgerbibt fuqha! Aħna l-iġmla nagħmlu kollox bil-maqlub tagħkom il-ħmir: qatt ma ntbaħt li aħna u nimxu, jien dejjem rasi fil-għoli, inħares fil-bgħid? Għalhekk jien, ngħaddu mnejn ngħaddu, fil-witgħa jew fit-twegħir, ma naqax; għax kif ingħidu aħna l-iġmla: Mîn ma jħares għali u bgħid, jaqa' fil qrib!"

Rafat (Palestina) April, 1929.

L. C.